MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 1/2023 LM

**Sabrina Carabott (K.I. nru. 397293(M))**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Sabrina Carabott (K.I. nru. 397293(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Diċembru, 2022, numru 357/22 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni

appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-15 ta' Mejju, 2018 tal-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'], filwaqt li kkonferma l-istess deċiżjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tal-15 ta' Mejju, 2018 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat'] fejn infurmaha li wara li l-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Soċjali (SUP) ġiet investigata, kien ġie deċiż li hija mhijiex intitolata aktar sabiex tirċievi din l-għajnuna ġaladarba ma kienx sodisfatt li hija mhijiex impenjata f'attività kummerċjali.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fil-25 ta' Ġunju, 2018 fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat għaliex ma kienx minnu li hija kienet qiegħda tagħmel xi xogħol bi ħlas fiż-żmien indikat mid-Dipartiment.

4. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fl-20 ta' Novembru, 2020. Spjega li d-Dipartiment kien irċieva rapport mingħand id-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji, u minħabba f'hekk huwa ma kienx sodisfatt li l-appellanta ma kinitx impenjata f'attività kummerċjali.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan il-każ huwa dwar twaqqif ta' Għajnuna Soċjali sal-1 ta' Ġunju 2018 minħabba li d-Direttur Ġenerali ma kienx sodisfatt li l-appellanti ma kinitx impjegata f'attività kummerċjali.*
>
> *Illi mir-rapport ppreżentat mid-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji rriżulta li Carabott kienet qed taħdem fil-*Farmers' Market*, fuq 'stall' liċenzjat fuq Joseph u Doreen konjuġi Vella. Illi l-Ispetturi xehdu li meta għamlu l-ispezzjoni addirittura anke raw lill-appellanti taqdi lin-nies u taħdem fil-*Farmers' Market.
>
> *Illi l-appellanti u Doreen Vella, li tiġi omm il-*'partner' *ta' Carabott jgħidu li l-appellanti kienet tagħmel dan ix-xogħol mingħajr qliegħ. L-appellanti però tgħid lill-Ispetturi waqt iż-żjara tagħhom f'Ta' Qali li kienet ilha tmur hemm għal xi ħames (5) snin qabel ma saret l-ispezzjoni.*
>
> *Illi l-Arbitru jsibha diffiċli ħafna jemmen li għal żmien ta' ħames (5) snin sħaħ, l-appellanti persuna dak iż-żmien ta' ċirka 21 sena kienet qed tmur taħdem il-*Farmers' Market *mingħajr ma tipperċepixxi ebda dħul kif tgħid hi l-impjieg tal-appellanti tant kien wieħed formalizzat li hija addirittura talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali biex tkun tista' b'mod uffiċjali u regolarizzat tbiegħ f'dan is-suq."*

**L-Appell**

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Jannar, 2023 fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...jogħġobha tirrevoka, tħassar, tannulla u tirrexxindi d-deċiżjoni mogħtija nhar id-9 ta' Diċembru 2022 mill-Arbitru għas-Sigurtà Soċjali fl-ismijiet* Sabrina Carabott (KI Nru 297293M) vs Direttur Ġenerali Sigurtà Soċjali (Deċiżjoni tal-Arbitru Nru 327/22, *File tal-Arbitru Nru 405/18, File DSS Nru 826/18) u dan billi tilqa' l-appell magħmul mill-esponenti fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat, jew tibgħat lura l-atti sabiex jiġu kkunsidrati mill-ġdid in vista tat-tielet aggravju."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) l-Arbitru straħ fuq evidenza *detto del detto* u fuq preżunzjonijiet inattendibbli; (b) jirriżulta li meta l-Ispetturi nterrogawha, huma naqqsu li jagħtuha l-kawzjoni; u (ċ) id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat hija drakonjana u eċċessiva.

7. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fl-20 ta' Jannar, 2023 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-appellanta, u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta flimkien mat-tweġiba tad-Direttur Ġenerali appellat, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. L-appellanta tispjega li l-ewwel aggravju tagħha huwa li l-Arbitru straħ fuq provi li kienu jikkonsistu f'*detto del detto* u anki fuq preżunzjonijiet inattendibbli. Tirrileva li hija għandha tifel li twieled fis-sena 2011 minn relazzjoni li hija kellha ma' iben Doreen Vella, li għandha *stall* fil-*Farmers' Market.* Tkompli tispjega li dan is-suq jopera darbtejn f'ġimgħa nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt, fejn l-imsemmija Doreen Vella u żewġha jbiegħu l-prodotti tagħhom tal-biedja. Min-naħa tagħha, l-appellanta tgħid li hija kienet bdiet tmur is-Sibtijiet ħdejn Doreen Vella li kienet tkun waħedha, u dan biex tkun qiegħda tagħmel xi ħaġa, u fl-istess ħin tkun ta' wens għan-nanna ta' binha biex b'hekk jkollu l-opportunità li jara lil nanntu. L-appellanta tiċħad li hija kienet taħdem ukoll, u tirrileva li sabiex toqgħod fl-i*stall* kellha bżonn *tag* u kienet toqgħod hemm biss b'rispett għal dak li Doreen Vella kienet tagħtiha bħala l-

familjari tagħha, mingħajr ma titħallas. Tgħid li għalkemm l-Arbitru sabha bi tqila li jemmen li xi ħadd jista’ jaħdem mingħajr ħlas għal ħames snin sħaħ, huwa (a) skarta l-fatt li l-allegazzjoni kienet fil-konfront ta’ tliet sigħat is-Sibt biss u dan b’mod saltwarju; (b) hija ma kinitx tagħmel wisq għaliex kienet tkun preżenti bħala wens u kumpannija għal Doreen Vella; (ċ) kien hemm u għad hemm relazzjoni ta’ affinità bejnha u Doreen Vella; u (d) saret investigazzjoni sħiħa tal-kontijiet bankarji, tal-mezzi u tal-infiq tagħha, u ma rriżulta xejn li jikkontradixxi dak li qiegħda ssostni. Dwar it-tieni aggravju tagħha, l-appellanta ssostni li huwa ċar mix-xhieda tal-Ispetturi tad-Dipartiment li dawn naqqsu li jagħtuha s-solita hekk kif kienet qiegħda tiġi nterrogata minnhom. Tgħid ukoll li dak li qalet lill-imsemmija Spetturi kien biss *detto del detto* u saħansitra jikser id-drittijiet fundamentali tagħha. Taċċetta li l-proċeduri odjerni huma ta’ natura ċivili ta’ appell minn proċeduri amministrattivi, iżda fejn l-investigazzjoni tal-Ispetturi setgħet ukoll twassal għal proċeduri kriminali, huma kellhom l-obbligu li jagħtu l-kawtela bħal kull uffiċjal pubbliku investigattiv ieħor, stante l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tagħmilx distinzjoni bejn uffiċjali tal-Pulizija u uffiċjali pubbliċi oħra. Hawnhekk l-appellanta tiddikjara li hija kienet qiegħda tirriżerva d-dritt li titlob referenza kostituzzjonali. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li d-deċiżjoni appellata hija waħda drakonjana u eċċessiva għaliex: (i) bejn is-snin 2012 u 2015 kien permess li filwaqt li wieħed ikun qiegħed jirċievi l-benefiċċji soċjali, jkun qed jaqla’ wkoll sa għoxrin Ewro fil-ġimgħa, iżda soġġett għal avviż. Skont l-allegazzjoni hija kienet proprju qiegħda tirċievi biss €20 fil-ġimgħa u ma saret l-ebda allegazzjoni li kienet qiegħda taqla’ iktar minn hekk, b’dana li tammetti li ma kinitx bagħtet tavża lid-Dipartiment kif kienet tenuta tagħmel, iżda hija ma kienet għamlet xejn ħażin u kienet biss

naqqset minn formalità. Dan tissottometti kellu jiġi kkunsidrat mid-Direttur Ġenerali meta eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu għal rifużjoni parzjali jew sħiħa tal-benefiċċju mħallas lilha; (ii) qiegħda tintalab rifużjoni ta' €37,968.98 meta l-allegazzjoni hija li fil-perijodu in kwistjoni rċeviet introjtu massimu ta' €5,200.

10. Id-Direttur Ġenerali appellat min-naħa tiegħu jsostni li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, u għaldaqstant timmerita konferma, u dan filwaqt li jikkontendi ukoll li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi, u in sostenn ta' dan l-argument huwa jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Ruth Spiteri *vs.* Emanuel Vella noe** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-5 ta' Marzu, 2003. Dwar l-ewwel aggravju tal-appellanta, jissottometti li dan huwa manifestament infondat. Jikkontendi li l-Arbitru kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu, u wasal għaliha wara li kkunsidra l-provi kollha miġjuba quddiemu. Jgħid li bl-ebda mod ma straħ fuq evidenza konsistenti f'*detto del detto* u fuq preżunzjonijiet inattendibbli kif ġie allegat. Id-Direttur Ġenerali appellat irrileva li skont ir-rapport investigattiv, l-Ispettorat kien għamel żewġ spezzjonijiet u ċċita mir-rapport dak li kien ġie kkonstatat mill-Ispetturi meta aċċedew fil-*Farmers' Market* u sabu l-appellanta hemmhekk allegatament taqdi lin-nies. Irrileva wkoll li kienet saret verifika mar-*Rural Development Department,* minn fejn irriżulta li l-appellanta kienet għamlet talba fis-sena 2011 sabiex tgħin fil-*Farmers' Market,* u b'hekk inħarġitilha *tag* ta' bejjiegħ fl-istess sena. B'hekk l-evidenza ma kinitx tassew imsejsa fuq il-*detto del detto,* u lanqas fuq preżunzjonijiet inattendibbli. Kompla jispjega kif ir-rapport suriferit kien ġie ppreżentat u kkonfermat bil-ġurament minn Caroline Muscat, Spettur fid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji. Id-Direttur Ġenerali appellat jagħmel

riferiment għax-xhieda tal-appellanta u dik ta' Doreen Vella quddiem l-Arbitru waqt is-seduta tas-26 ta' Lulju, 2019, fejn it-tnejn li huma kkonfermaw li Doreen Vella kienet tagħti xi prodotti jew xi flus lill-appellanta, u dan mhux biex tħallasha iżda għaliex hija kienet tiġi omm in-neputi tagħha. Huwa għamel riferiment ukoll għax-xhieda ta' Dennis Sciberras, Assistent Direttur fid-Dipartiment Rurali, li kkonferma li fis-sena 2011 kienet saret talba minn Joseph Vella sabiex l-appellanta sservi bħala assistenta, u b'hekk esebixxa kopja tal-imsemmija talba. Jirrileva li min-naħa tagħha l-appellanta fix-xhieda tagħha waqt is-seduta tas-26 ta' Lulju, 2019 kienet ikkonfermat li kienet saret din it-talba, u dan għaliex kienu ġibdulha l-attenzjoni mid-Dipartiment ikkonċernat li hija ma setgħetx tkun preżenti mingħajr permess. Ikompli jgħid li l-appellanta kienet saħansitra kkonfermat li hija kienet taqdi n-nies minn fuq dik l-i*stall.* Id-Direttur Ġenerali appellat jsostni li għalhekk l-Arbitru kien korrett meta kkunsidra li kien diffiċli li wieħed jaċċetta li l-appellanta ma kienet qiegħda tipperċepixxi l-ebda dħul mill-*Farmers' Market,* u għalhekk l-attività tagħha kellha tiġi kkunsidrata bħala attività kummerċjali. Filwaqt li jagħmel riferiment għal darb'oħra għall-insenjament ta' din il-Qorti dwar l-effikaċja tal-provi, jirrileva li fil-każ odjern il-provi li tressqu ma kienux provi indizzjarji iżda provi diretti, u jikkontendi li skont dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Eugenio Cremona *vs.* Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** deċiża fit-22 ta' Settembru, 2017, ma kienx hemm bżonn li l-Ispetturi jaraw lill-appellant jirċievi l-ħlas għal xogħolu.

Dwar it-tieni aggravju tal-appellanta, id-Direttur Ġenerali appellat jissottometti li dan l-aggravju wkoll huwa manifestament infondat. Jispjega li d-dokumenti gwida dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kemm fl-ambitu kriminali,

jipprovdi b'mod ċar li d-dritt tas-silenzju huwa marbut mal-interrogazzjoni magħmula mill-Pulizija u għalhekk mhux applikabbli fil-każ odjern fejn l-Ispetturi tad-Direttorat għall-Osservanza tal-Benefiċċji ma jagħmlux parti mill-Pulizija Eżekuttiva. In sostenn ta' dan l-argument, id-Direttur Ġenerali appellat jiċċita dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar, 2020 fl-ismijiet **Charlene Mifsud *vs.* Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**. Huwa jagħmel ukoll riferiment għall-artikolu 112 tal-Kap. 318, u jirrileva li skont l-insenjament ta' din il-Qorti, benefiċjarju għandu jikkopera mal-Ispettorat fil-qadi ta' dmirijietu għaliex fin-nuqqas huwa jkun qiegħed jikser l-obbligu tiegħu *ai termini* tal-para. (b) tas-subartikolu 97(1) tal-Kap. 318, u hawnhekk jiċċita dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha deċiża fil-25 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet **Maria Dolores Darmanin *vs.* Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**.

Dwar it-tielet aggravju tal-appellanta, id-Direttur Ġenerali appellat jissottometti għal darb'oħra li dan huwa manifestament infondat. Jirrileva li d-deċiżjoni mertu tal-appell odjern tirrigwarda l-waqfien tal-għajnuna soċjali u mhux ir-rifużjoni ta' €37,968.98 rappreżentanti ħlas f'għajnuna soċjali, *allowance* tat-tfal u *energy benefit,* liema deċiżjonijiet ma sar l-ebda appell minnhom mill-appellanta, u għalhekk huma finali. Għalhekk jinsisti li kull sottomissjoni fir-rigward ma tolqotx il-mertu. Jispjega li persuni li kienu kkunsidrati bħala *'single parents'* kienet ingħatatilhom l-opportunità li jaħdmu fuq bażi *part-time* mingħajr ma jitnaqqsilhom xejn mill-ammont dovut lilhom bħala għajnuna soċjali sakemm l-introjtu ma jaqbiżx €57.82 fil-ġimgħa, u jekk imbagħad l-introjtu jeċċedi dan l-ammont id-differenza kienet titnaqqas mir-rata tal-għajnuna soċjali. Iżda fil-każ odjern jgħid li l-appellanta qatt ma kienet iddikjarat li kienet qiegħda taħdem, u dan irriżulta lid-Dipartiment wara

investigazzjoni tal-Ispetturi. Jgħid li għalhekk huwa kien ġustament ordna l-waqfien tal-benefiċċju tal-għajnuna soċjali u r-rifużjoni tal-ammonti mħallsa. Iżid jgħid li madankollu din l-iskema kienet twaqqfet bl-introduzzjoni tat-*tapering of benefits.* Id-Direttur Ġenerali appellat jikkontendi li huwa ma jistax ikun sodisfatt li l-appellanta kienet taqla' biss €20 fil-ġimgħa, u l-fatt waħdu li hija ma nfurmatux li hija kienet qiegħda taħdem, kellu jwassal għall-waqfien tal-għajnuna soċjali. Jirrileva li hemm kunflitt bejn dak li ddikjarat l-appellanta quddiem l-Arbitru dwar il-ħinijiet li kienet tmur tgħin lin-nanna ta' binha, u dak li stqarret fil-proċeduri odjerni. Dwar l-ilment tal-appellanta fir-rigward tad-diskrepanza qawwija bejn dak li hija setgħet irċeviet fuq medda ta' ħames snin u l-ammont mitlub lura ta' €37,968.98, jissottometti li l-proċeduri odjerni jolqtu biss id-deċiżjoni tiegħu għall-waqfien tal-għajnuna soċjali minħabba l-involviment tal-appellanta f'attività kummerċjali, fejn m'hemm xejn sproporzjonat, eċċessiv u drakonjan f'dik id-deċiżjoni tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

11. Dwar l-ewwel aggravju tal-appellanta, il-Qorti tgħid li tassew id-deċiżjoni appellata hija msejsa fuq "...*detto del detto fuq presunzjonijiet inattendibbli".* Tagħraf li l-investigazzjoni li twettqet mill-Ispetturi Caroline Muscat u Joseph Attard mid-Diviżjoni għall-Osservanza u Investigazzjonijiet ġewwa d-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, saret wara rapport anonimu magħmul permezz ta' telefonata fejn ġie allegat li l-appellanta kienet qiegħda taħdem fit-*Ta' Qali Farmers' Market* ma' ċerta Doreen Vella, li tiġi omm missier it-tifel tagħha. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li r-rapport tal-imsemmija Spetturi kien ġie esebit quddiem l-Arbitru u ikkonfermat ukoll bil-ġurament mill-Ispettur Caroline

Muscat, f'liema rapport hemm deskritti ċ-ċirkostanzi kollha tal-investigazzjoni, fejn l-Ispetturi kienu saħansitra marru jivverifikaw l-allegazzjoni anonima fis-suq suriferit. Il-Qorti tgħid li kuntrarjament għal dak li kkunsidra l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, hija ma ssibx li l-allegazzjoni anonima rriżultat suffiċjentement ippruvata mill-investigazzjoni sabiex kienet timmerita deċiżjoni għall-waqfien tal-benefiċċju mogħti lill-appellanta. Għall-kuntrarju tal-fehma espressa mill-Arbitru, il-Qorti għandha dubju qawwi dwar jekk l-appellanta tassew kienet qiegħda taħdem man-nanna ta' binha, li kienet imbagħad tħallasha ta' xogħolha. Tikkunsidra li r-raġunijiet għall-preżenza tagħha fil-*Farmers' Market* fuq l-i*stall* ta' omm missier it-tifel tagħha, huma tassew plawsibbli, għaliex il-Qorti tista' tagħraf sitwazzjoni fejn omm l-uniku neputi tmur iżżur u tispiċċa tgħin lin-nanna paterna tiegħu, li bħala ringrazzjament jew anki sempliċement minħabba r-relazzjoni familjari ta' bejniethom, tgħaddilha xi ħaġa żgħira tal-flus, forsi sabiex tonfoqhom fuq in-neputi tagħha, u saħansitra xi ftit mill-prodott li hija toffri għall-bejgħ. Ġaladarba l-appellanta għażlet li tqatta' ftit sigħat fil-ġimgħa ma' Doreen Vella fl-i*stall* tagħha fejn tispiċċa tmidd idejha fil-bejgħ tal-prodotti, ma jonqosx li dan seta' jsir biss billi titlob u takkwista l-permess u t-*tag* appożita mid-Dipartiment, li fost ir-responsabbiltajiet tiegħu hemm is-suq tal-bdiewa ġewwa Ta' Qali. Il-Qorti għalhekk tikkunsidra li mingħajr dubju l-appellanta għandha raġun tilmenta li l-evidenza tal-allegat xogħol tagħha tistrieħ fuq il-*detto del detto,* u li din hija tassew preżunzjoni inattendibbli għall-aħħar. Dan kollu meħud in konsiderazzjoni l-fatt li ma tressqet l-ebda prova mid-Direttur Ġenerali appellat indipendentement mill-informazzjoni anonima li huwa kien irċieva, sabiex jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-allegazzjoni tassew kienet tirriżulta. Tagħraf li kif

sewwa rrilevat l-appellanta, l-investigazzjoni tal-kontijiet bankarji u tal-mezzi u tal-infiq tagħha kienet ukoll negattiva. Il-Qorti żżid tgħid li hija m'għandha l-ebda dubju dwar ix-xogħol siewi li jiġi mwettaq mill-Ispettorat, iżda għandha tintwera iktar kawtela fir-rigward ta' informazzjoni anonima li tkun ingħatat fejn dejjem hemm il-possibilità ta' motivi personali warajha bħal ma ċertament kienu dawk fil-każ odjern.

12. Ġaladarba l-Qorti qiegħda tilqa' dan l-aggravju tal-appellanta u ser tgħaddi sabiex tħassar id-deċiżjoni appellata, l-aggravji l-oħra tagħha ma jibqgħux rilevanti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tilqgħu, filwaqt li tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata u tħassar ukoll id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tal-15 ta' Mejju, 2018, mertu tal-proċeduri odjerni.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Arbitru u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu mid-Direttur Ġenerali appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**